**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 28 ta' Frar 2023**

**Talba numru 239/2022 SFJ**

**GORDON'S MOTO DEALER LIMITED (C 31490)**

**VS.**

**DR. DAVID ANTHONY BONELLO,**

**BĦALA KURATUR DEPUTAT, SABIEX JIRRAPPREŻENTA L-ASSENTI**

**ROLAND SANDOR NYARI (KI 275392A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 ta' Awissu 2022 li permezz tagħha l- attur ippremetta u talab:

> "*Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat iħallasha is-somma ta' elfejn, mija u tliet ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Eur2,103.42), rappeżentanti l-ammont pendenti w dovut mill-istess*

*intimat, in konnessjoni ma' diversi spare parts mibjugħa lilu f'diversi okkażjonijiet, u li minkejja dawn ġew ikkonsenjati lilu, huwa baqa' inadepjenti u ma ħallasx dan l-ammont minnu dovut, bl-ispejjes u nteressi legali mid-data ppreżentata ta' din it-talba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni."*

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Wara li ġie ppreżentat rikors mis-soċjeta' attriċi għal talba li jiġu nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti konvenut Roland Sandor Nyari, fl-Atti kollha tal-avviż tat-talba kif ukoll fl-atti kollha relattivi għal dawn il-proċeduri, ġie nominat bħala kuratur Dr. David Anthony Bonello sabiex jirrappreżenta l-istess.

Dan l-istess kuratur kien ġie notifikat fit-2 ta' Novembru 2022, skont ir-riferta relattiva li tinsab A Fol 20.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, il-konvenut kuratur kien ġie msejjaħ diversi drabi, iżda ma deherx, izda  t-Tribunal josserva li ġiet preżentata risposta.

It-Tribunal, dakhinar, iddeferixxa l-kawża għas-17 ta' Jannar 2023 għall-għeluq tal-provi tas-soċjeta' attriċi.

It-Tribunal josserva illi fis-17 ta' Jannar 2023 xehed Gordon Micallef għan-nom in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Il-kawża ġiet imbagħad diferita strettament għall-provi tal-konvenut u t-Tribunal, għalhekk, ordnat li għas-seduta segwenti, kellu jidher il-kuratur tiegħu, Dr. David Anthony Bonello.

Il-kawża ġiet diferita, infatti, għall-31 ta' Jannar 2023 għal dan il-għan.

It-Tribunal josserva li fil-31 ta' Jannar 2023 deher, infatti, Dr. David Anthony Bonello bħala kuratur għall-konvenut assenti.  L-istess avukat informa lit-Tribunal li qed jagħlaq il-provi u għalhekk il-kawża ġiet diferita għat-28 ta' Frar 2023 għas-Sentenza.

It-Tribunal osserva id-dokumentazzjoni kollha relattiva kif ukoll ix-xhieda tal-istess rappreżentant tas-soċjeta' attriċi u ma jsibx diffikulta' jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-avviż fit-talba.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl ta' dan il-fatt, dan it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elfejn, mija u tliet ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Eur2,103.42), bl-imgħaxx, liema imgħaxx ghandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima skont il-liġi, u dan mid-data tal-preżentata tal-avviż sad-datat tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna wkoll illi l-konvenut għandu jħallas lis-soċjeta' attriċi l-ispejjes kollha ta' din il-kawża.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**